***-JUDICIAL REVIEW –***

***- AWTORITA` TAX-XANDIR -***

***- ART.119 TAL-KOSTITUZZJONI***

***KAP 350; ATT DWAR IX-XANDIR –***

***-ART 3, 10, 12, 13, 15 TAL-KAP 350 –***

***- ART. 469 A KAP 12.-***

***- ULTRA VIRES; ABBUZ TA' POTER;-***

***- PRINCIPJI TA' GUSTIZZJA NATURALI-***

# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Erbgha, 3 ta' Ottubru, 2001

**Kawza Numru: 15**
**Citazzjoni Numru: 2850/96 RCP**

**John Bundy u Clyde Puli**

**vs**

**Awtorita' tax-Xandir.**

**Il-Qorti**,

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni a fol. 3 tal-process fejn l-atturi ippremettew s-segwenti:-

Illi huma xandara professjonali u jahdmu *full time* u *part time* ma stazzjonijiet tax-xandir;

Illi huma sejrin jikkontestaw bhala kandidati politici fl-elezzjoni generali li jmiss;

Illi l-Awtorita` konvenuta, bis-sahha tal-poteri moghtija lilha mill-**artikolu 15 Att 12 tal 1991** dwar ix-Xandir ordnat illi dawn ix-xandara jieqfu mix-xoghol professjonali taghhom sal-gurnata tal-elezzjoni (Dok A u B) u imminaccjat lill-*employer* taghhom multa ta' Lm500 kull darba li l-atturi jaqdu d-doveri kontrattwali taghhom (Dok C);

Illi din l-ordni hija *ultra vires* ghall-poter tal-istess Awtorita`, u fi kwalunkwe kaz, l-Awtorita` konvenuta' naqset li tosserva l-principji tal-gustizzja naturali u l-ghemil taghha sar ghall-ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux relevanti, billi l-esponenti gew imcahhdin mid-dritt illi jezercitaw l-professjoni taghhom minghajr ma instemghu, u d-divjet ta' kull xandira, anke dawk minghajr l-icken kontenut politiku huwa irragjonevoli u abbuziv specjalment meta

jittiehdu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi illi huma kontrattwalment marbuta ma l-istazzjonijiet tax-xandir, mal-*isponsors* u mal-“*advertisers*” illi jippromowtjaw il-programmi taghhom, illi huma sejrin isiru *redundant,* u illi l-ghan li trid tilhaq l-Awtorita’ konvenuta bl-ebda mod m’hu proporzjonat jew relevanti ghall-konsegwenzi li qeghdin isofru l-esponenti.

L-istess atturi ghar-ragunijiet premessi talbu lill-Awtorita` tax-Xandir tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandux jigi dikjarat u deciz illi l-ordnijiet moghtija fl-imsemmija Dok “A”, “B” u “C” in kwantu jolqtu lill-atturi huma nulli u bla ebda effett.

B’riserva ta’ kull azzjoni ghad-danni u bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li jigu ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi, l-lista tax-xhieda u n-nota tad-dokumenti a fol 11 u 12 rispettivament tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ipprezentata fis-17 ta’ Frar, 1997 a fol. 18 tal-process ippresentata mill-Awtorita’ konvenuta li permezz taghha eccepiet:

(1) Fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dina l-Onorabbli Qorti li tissindika l-operat ta’ l-Awtorita` tax-Xandir fil-qadi tal-funzjonijiet taghha, u dan a tenur ta’ l-**Artikolu 118**

**(8) tal-Kostituzzjoni;**

(2) Illi subordinatament u bla pregudizzju ghal premess it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li d-decizzjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir in kwistjoni hija wahda fil-limiti tal-poteri moghtija lilha skond l-**Artikolu 119 (1) tal-Kostituzzjoni** illi tizgura illi "il-facilitajiet u l-hin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn il-persuni li jkunu ta' partiti politici differenti".

(3) Illi in oltre d-decizjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir kienet motivata skond u fit-termini ta' l-**Artikolu 119 (1) tal-Kostituzzjoni**, u fid-decizjoni taghha l-Awtorita` hadet in konsiderazzjoni fatti rilevanti, in partikolari illi politikanti li jkunu se jikkontestaw elezzjoni generali jkollhom vantagg ingust jekk jithallew jippartecipaw jew merament jidhru fuq programmi tat-*television* jew tar-*radio*. Dan ghaliex anki jekk il-politikant ma jaghmel ebda kumment tieghu matul ix-xandir, ikun qieghed jircievi "*exposure"* konsiderevoli iktar fuq il-media minn kandidati ohra.

(4) Illi fil-funzjoni regolatrici taghha, il-principji ta' gustizzja naturali ma humiex applikabbli billi d-decizjoni ta' l-Awtorita' kienet wahda li tapplika ghall-istazzjonijiet kollha u ghall-persuni kollha li fihom jahdmu;

(5) Illi in oltre jezistu numru ta' impjegati ohra f'setturi ohra illi n-natura tax-xoghol taghhom ma jippermettilhomx illi jikkuntestaw elezzjoni generali. F'dawn il-kazijiet hija l-prassi normali illi dawn il-persuni jigu moghtija "*leave of absence*" mix-xoghol taghhom matul il-kampanja elettorali, u ghalhekk is-sitwazzjoni ta' l-atturi ma hijiex wahda unika, izda komuni ghal min jahdem f'certi setturi u jkun irid jikkuntesta elezzjoni.

(6) Illi ghalhekk id-decizjoni ta' l-Awtorita` hija wahda proporzjonata u fil-parametri tal-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess Awtorita' konvenuta kif ukoll il-lista tax-xhieda li jinsabu esebiti a fol. 19 u 20 rispettivament tal-process;

Rat ix-xhieda, d-dokumenti kollha prodotti u n-noti ta' osservazzjonijiet;

Rat il-verbal tal-24 ta' Mejju, 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-lum.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat il-verbali kollha ta' din il-kawza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet kollha tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. PROVI DOKUMENTARJI.

Illi l-atturi ipprezentaw *press release* mmarkata bhala Dok. "A" a fol. 13 tal-process, ittra datata 1 ta' Ottubru, 1996 mibghuta mill-Awtorita` tax-Xandir lis-Sur Kevin Drake, *Chief Executive* tar-Radio 101 immarkata bhala Dok. B a fol. 14 tal-process, u ittra ohra mibghuta mill-istess Awtorita' datata 30 ta' Settembru, 1996 lill-istess *Chief Executive* immarkata bhala Dok. "C" a fol. 15 tal-process.

Illi giet esebita ukoll a fol. 36 *et seq.* tal-process cirkolari li ntbaghtet lid-dirigenti kollha tar-radju u t-televizjoni u li hija iffirmata minn A J Ellul *Chief Executive* u li ggib id-data 24 ta' Settembru, 1996. Din ic-cirkolari kienet tghid fost l-ohrajn:-

*"4. Waqt il-perjodu minn issa sas-26 t'Ottubru 1996 trid tinghata attenzjoni stretta biex kandidati prospettivi ma jiehdux sehem fi programmi hlief f'diskussjonijiet imtella b'mod bilancjat, f'rapporti ta' ahbarijiet u f'xandiriet politici skond skemi mtella' jew approvati mill-Awtorita".*

Illi l-ittra mibghuta mill-*European Broadcasting Union* esebita a fol. 38 tal-process tghid *inter alia* illi :-

*"I am sending you a copy of Recommendation No. 92-6 of the CSA concerning the French parliamentary elections in 1993. The case of a broadcasting staff member who is a candidate in the election is dealt with under section III.1. As you will see, such staff members may not appear on television or radio in a professional capacity during the official election campaign period. Before that period such staff members should not make any "interventions" on radio or television which would be likely to have an impact on the equality of chances of the candidates".*

Di fatti minn traduzzjoni, maghmula mill-kompjant Dr. Joseph M. Ciappara b'digriet tal-Qorti datat 28 ta' Novembru, 1997, taht ir-rubrika *"Disposizzjonijiet diversi"* jinghad illi:-

*"Dawn l-istess kollaboraturi jastjenu milli jidhru fuq it-televizjoni jew illi jesprimu ruhhom fuq ir-radju fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghhom mill-ftuh tal-kampanja ufficjali*". Tkompli tghid din l-ittra *"I assume that the same or similar (formal or informal) rules are applied in most countries".*

Illi giet esebita wkoll a fol. 44 tal-process ittra mibghuta mir-*"Radju 101"* lic-Chairman ta' l-Awtorita` tax-Xandir fejn jintqal

*inter alia* illi *"sakemm ma jintefghux in-nomini u John Bundy kif ukoll Clyde Puli isiru kandidati b'mod ufficjali, dawn ma jistghux jitqiesu bhala kandidati".*

## III. PROVI.

Illi xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit l-attur **John Bundy** li qal illi huwa mpjegat *"full time"* ma' *Multicomm Limited*, proprjetarja ta' *Radio 101* u li d-dhul ghall-ghixien tieghu u tal-familja tieghu huwa minn dan l-impjieg. L-istess attur jghid illi jaghmel xi xoghol *part-time* konsistenti f'xi reklami iffilmjati li jixxandru fuq l-istazzjonijiet televizivi lokali.

Illi huwa kompla jixhed ukoll illi huwa kien ircieva struzzjonijiet minghand c-*Chief Executive* ta' l-istazzjon, is-Sur Kevin Drake illi "*fil-presentazzjoni tal-programmi tieghi nillimita ruhhi ghall-muzika u ma naghmel ebda kummenti jew diskors li ghandhom xi konnotazzjoni jew konnessjoni politika*. *Tghani struzzjonijiet ukoll biex inwaqqaf il-"phone-ins" mis-semmiegha biex zgur ikun hemm kontroll assolut dwar il-kontenut tal-programmi tieghi".* Jghid ukoll l-attur illi s-Sur Drake kien gharrfu illi huwa kien ser jaghmel rappresentazzjonijiet mal-Awtorita` tax-Xandir dwar din l-ordni taghha u dan fid-dawl illi "*jiena u siehbi Clyde Puli konna 'full timers' u din l-ordni ser tinfluwixxi fuq l-uniku mezz ta' ghixien*

*taghna".*

Illi sa meta harget l-ordni mill-Awtorita' tax-Xandir l-attur John Bundy kien biss imhajjar jikkontesta l-elezzjonijiet generali u li la kien u skond hu la seta jkun kandidat peress illi huwa ma kienx ghadu tefa' l-applikazzjoni formali tieghu mal-Kummissjoni Elettorali.

Illi jghid ukoll l-attur illi l-ghada jew il-pitghada, s-Sur Kevin Darke kien infurmah illi r-rappresentazzjonijiet illi huwa kien ghamel mal-Awtorita` tax-Xandir kienu bla success u gharrafni illi fic-cirkostanzi kelli nieqaf minn xogholi u nohrog fuq *"unpaid leave"* u tlift il-paga ta' wiehed u tletin (31) jum. Oltre dan, li stazzjonijiet televizivi waqfu t-trasmissjoni tar-reklami li fihom kont nidher (e.g. ta' hwejjeg u ta' *snacks*). L-impenn dwar ir-reklami li kellhom jixxandru fuq *Radio 101* waqt il-programmi tieghi lanqas ma setgha jigi onorat bhala rizultat ta' din l-Ordni tal-Awtorita` tax-Xandir".

Illi finalment jghid illi safejn jaf huwa, l-unici tnejn minn nies li sfaw milquta mill-ordni moghtija mill-Awtorita` tax-Xandir kienu huwa stess, u Clyde Puli, l-attur l-iehor. Fi kliemu stess jghid illi *"konna l-unici zewg persuni li konna naqilaw l-ghixien taghna mix-Xandir. Kull kandidat iehor li kkontesta l-elezzjonijiet generali ta' Ottubru, 1996 thalla jezercita l-professjoni tieghu sija jekk kien tabib, avukat, perit jew*

*impjegat. Fil-medja miktuba (gurnali etc), kull kandidat kompla jikteb minghajr restrizzjoni (hlief lejliet l-Elezzjoni Generali)".*

Ix-xhieda ta' **Clyde Puli** hija l-istess ghal dik ta' l-attur l-iehor John Bundy. L-attur Puli ukoll jghid illi "*d-dhul ghall-ghixien tieghi huwa ghalhekk minn dan l-impjieg"*.

Illi xehed permezz tal-affidavit ukoll il-**Professur Joseph Pirotta** li jghid illi huwa c-*Chairman* tal-Awtorita` tax-Xandir u ilu jokkupa din il-kariga minn Lulju, 1993.

Illi l-istess xhud jghid illi meta thabbret l-elezzjoni generali fit-23 ta' Settembru, 1996, l-Awtorita' harget set ta' struzzjonijiet biex jirregolaw ix-xandir fil-perjodu tal-kampanja elettorali. Fost dawn l-istruzzjonijiet jghid il-Professur Pirotta *"kien hemm projbizzjoni mxandra f'dan il-perjodu hlief ghall-certa esenzjonijiet msemmija fl-istess istruzzjonijiet. Dan sar biex jinzamm bilanc u imparzjalita fix-xandir u anke biex il-kandidati nfushom jigu trattati b'mod ugwali, u ma jkunx hemm min jiehu vantagg indebitu fuq il-kandidati l-ohra minhabba xi konnessjoni li jkollhom max-xandir".*

Il-Professur Pirotta jkompli jghid fl-affidavit tieghu a fol. 34 tal-process illi "l-*Awtorita` dejjem segwit din il-prassi f'kull elezzjoni li saret minn 1961 l-hawn. Nista' ukoll nikkonferma minn indagini li ghamilt li prassi simili hija ukoll segwita minn*

*stazzjonijiet ewropej”.* In sostenn ta’ dan giet esebita fotokopja ta’ ittra mill-*European Broadcasting Union*. Dawn l-istruzzjonijiet inghataw lill-istazzjonijiet kollha. Jkompli jghid illi r-*Radju 101* ghamel xi rappresentazzjonijiet u wara li l-Awtorita’ kkunsidrat tali rappresentazzjonijiet, hija regghet irrijafermat l-ordni taghha bl-ittra tal-1 ta’ Ottubru, 1996 esebita mill-atturi a fol. 14 tal-process. Jghid illi wara din l-ittra l-istazzjon tar-*Radju 101* osserva l-istruzzjonijiet kif fil-fatt ghamlu l-istazzjonijiet l-ohra kollha.

Illi fl-ahhar paragrafu tal-affidavit tieghu, l-Professur Pirotta jghid illi *“l-Awtorita` bl-ebda mod ma dahlet fil-kwistjoni tal-impjieg tal-atturi u llimitat ruhha ghall-projbizzjoni li fuq ddiskrevejt”.*

Illi xehed ukoll permezz tal-procedura ta’ l-affidavit **Antoine Ellul** *ic-Chief Executive* tal-Awtorita` tax-Xandir (Fol. 35).

## <u>IV. OSSERVAZZJONIJIET PRELIMINARI.</u>

Illi din il-Qorti tosserva qabel xejn li kif riteniet l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza deciza fit-18 ta’ Gunju, 1996 fl-ismijiet **“Joseph Grima nomine vs Joseph Pirotta nomine”** u kif ribadita ukoll mill-istess Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-

sentenza taghha tas-17 ta' Lulju, 1997 fl-ismijiet **"L-Onorevoli Dottor Eddie Fenech Adami vs Dr. Joe Pirotta *noe et*".**

*"Hu rilevanti – u l-Qorti trid necessarjament tiehu nota ta' dan – illi l-funzjoni ta' l-Awtorita' ghadha principalment dik ta' "watchdog" bil-kompitu li timmoniterja fit-territorju nazzjonali l-operat tas-servizzi tar-radju u televizjoni u taht certu aspett ukoll il-kontenut ta' dawn is-servizzi. Funzjoni din li entro certi limiti bazici fundamentali hi accettata bhala valida f'socjeta demokratika biex tassigura imparzjalita' u l-accessibbilita ghall-medja lill-opinjonijiet diversi u divergenti. Din hi l-funzjoni primarja kostituzzjonali ta' l-Awtorita` tax-Xandir bhala strument biex tassigura l-liberta' ta' l-espressjoni fis-socjeta li necessarjament trid tiggwidaha jew tinfluwenzaha fl-esercizzju tal-poteri taghha taht l-Att XII tal-1991".*

Illi l-istess Onorabbli Qorti kompliet tghid li:-

*"Dan kollu qed jinghad biex tigi sottolinejata l-funzjoni duplici ta' l-Awtorita'. Dik primarja bhala strument kostituzzjonali biex tassigura d-dritt fondamentali tal-liberta ta' l-espressjoni fi sfond ta' ekwita', imparzjalita, u ugwaljanza ta' opportunita' u dik sekondarja izda xejn anqas importanti, li hi l-finzjoni organizzattiva immirata lejn l-implimentazzjoni fil-prattika tal-politika salutari tal-pluralizmu fix-xandir".*

Illi nghad ukoll illi *"bhala konsegwenza diretta tal-liberalizzazzjoni tal-mezzi tax-Xandir introdotta bl-Att Numru XII tal-1991, il-ligi ikkonferiet fuq l-Awtorita' poteri u responsabbilitajiet ferm akbar fir-rigward ta' l-organizzazzjoni u regolamentazzjoni tal-mezzi tax-Xandiru dana biex sewwa tippermettielha tespleta b'efficenzja w effikacja r-rwol sekondarju taghha";* illi ghalhekk "*L-Att Numru XII tal-1991 li assigura apertura shiha ghal pluralizmu kien mahsub li jkollu l-effett li jevolvi l-process demokratiku fil-pajjiz fir-rigward ta' l-iskambju ta' l-idejat u informazzjoni b'mod li dan jimmatura sal-punt li almenu fil-parti l-kbira d-disseminazzjoni ta' idejat diversi u divergenti, anke fil-kamp politiku, jkunu jibbilancjaw u jinnewtralizzaw lil xulxin. Certament f'dan ir-rigward sar progress notevoli fil-qasam tax-xandir permezz tar-radju".* (*vide* **"L-Onorevoli Dottor Eddie Fenech Adami vs Dr. Joe Pirotta *noe et"*** *supra citata*).

Illi zewg brani ohra li din il-Qorti thoss li huma ta' importanza u ta' minn jikkwothom, huma riportati f' din l-ahhar sentenza appena citata. Dawn huma s-segwenti:

*"L-Awtorita' ghandha funzjoni kostituzzjonali biex thares l-imparzjalita w il-bilanc fix-xandir fl-interess tas-socjeta kollha kemm hi bhala garanti tal-process demokratiku u tal-jedd fondamentali ta' l-espressjoni";* u

*"L-Att Numru XII tal-1991 inoltre, jipprospetta Awtorita' tax-Xandir b'sahhitha u proattiva b'responsabbilitajiet li timmotiva xandir hieles u pluralistiku fir-rispett tal-kriterji tal-bilanc u imparzjalita sanciti fil-Kostituzzjoni. L-Awtorita' hi allura mghobbija bid-dover li tintervjeni tempestivament biex tipprevjeni li jinholoq zbilanc jew parzjalita. Mhux biss semplicement biex tipprovdi rimedju korrettorju meta dawn* jirrizultaw".

## V. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.

### A. GURISDIZZJONI TA' DIN IL-QORTI.

Illi l-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita` konvenuta tittrata dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti li tissindika l-operat taghha fil-qadi tal-funzjonijiet taghha, u dan a tenur ta' l-**Artikolu 118(8) tal-Kostituzzjoni**.

Illi s-**subartikolu tmienja (8) ta' l-Artikolu mija u tmintax (118) tal-Kostituzzjoni** jghid illi:

***"(8)*** *Fl-ezercizzju tal-kariga taghha skond l-**artikolu 119 (1)** ta' din il-Kostituzzjoni l-Awtorità dwar ix-Xandir ma ghandhiex tkun suggetta ghad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità ohra".*

**Illi l-artikolu mija u dsatax (119) tal-Kostituzzjoni** jghid illi:

**119.** ***(1)*** *"Tkun funzjoni ta' l-Awtorità dwar ix-Xandir li tizgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smiegh u televizjoni li jistghu jkunu provduti f'Malta, tigi mizmuma imparzjalità xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu ghal policy pubblika korrenti u illi l-facilitajiet u l-hin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti"*.

***(2)*** *"Il-funzjoni ta' l-Awtorità dwar ix-Xandir imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun bla hsara ghal dawk il-funzjonijiet u dmirijiet l-ohra li jistghu jigu moghtija lilha b'xi ligi li tkun dak iz-zmien issehh f'Malta"*.

Illi ghalkemm *prima facie* jidher li l-eccezzjoni tal-Awtorita' konvenuta tista' taghmel stat jekk wiehed jaqra dawn l-artikoli wahedhom, pero' meta wiehed jaqra **l-artikolu mija u erbgha u ghoxrin (124) tal-Kostituzzjoni** u senjatament is-**subartikolu ghaxra (10)** jirrizulta proprju l-oppost. Dan jghid testwalment illi:

***(10)*** *"Ebda disposizzjoni ta' din il-Kostituzzjoni illi xi persuna jew awtorità ma tkunx suggetta ghad-direzzjoni jew kontroll minn xi persuna jew awtorità ohra fl-ezercizzju ta' xi funzjonijiet skond din il-Kostituzzjoni ma ghandha tiftiehem*

*bhala li tipprekludi qorti milli tezercita gurisdizzjoni dwar xi kwistjoni jekk dik il-persuna jew awtorità tkunx qdiet dawk il-funzjonijiet skond din il-Kostituzzjoni jew xi ligi ohra".*

Illi huwa f'dan l-aspett illi wiehed ghandu jinterpreta l-**artikolu 118 (8) tal-Kostituzzjoni**. Kull interpretazzjoni xort' ohra tkun, fil-fehma ta' din il-Qorti, zbaljata.

Illi dan gie ribadit mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha **"Dom Mintoff *noe* vs Montanaro Gauci *noe*"** deciza fit-22 ta' Mejju, 1971 fejn gie ritenut *inter alia* li l-Qorti ghandha gurisdizzjoni sabiex tindaga u tezamina l-mod kif l-istess Awtorita' tax-Xandir agixxiet, b'dan li tali ezami huwa limitat sabiex jigi accertat li l-istess Awtorita' agixxiet fl-ambitu tal-poteri taghha skond il-ligi, u in partikolari u b'rilevanza ghall-kaz in ezami li fl-esercizzju tad-diskrezzjoni taghha li tara li tinzamm *due impartiality* u *fairness in broadcasting,* tali diskrezzjoni tkun giet esercitata *ai termini* tal-ligi, fil-parametri tal-istess u li sabiex inhadet ittiehdu l-kriterji kollha relattivi u relevanti sabiex l-istess Awtorita' tasal ghall-konkluzzjoni taghha.

Illi dan huwa inkonformita' u konsistenti ma dak li inghad fis-sentenza **"Il-Prim Ministru et vs Sister Luigi Dunkin"** (P.A. (J.H.) 26 ta' Gunju 1980) fejn gie ribadit il-principju li f'materja ta' ligi amministrattiva Maltija, din hija bbazata fuq

il-ligi ingliza, u l-kazizta ingliza fil-materja tifforma l-fonti ta' tali ligi Maltija, u hekk fil-kazijiet ta' *judicial review* kif konsistentement segwieta fil-gurisprudenza nostrali fosthom fis-sentenzi **"John Lowell et nomine vs Dr. Carmelo Caruana nomine"** (P.A. (M.C.C.) 14 ta' Awissu 1972); **"Sciberras vs Housing Secretary"** (P.A. 21 ta' Lulju 1973); u **"Callus vs Paris"** P.A. 28 ta' Frar 1969), u fosthom li l-Qrati Taghna ghandhom gurisdizzjoni sabiex jaraw li l-istess Awtorita' Governattiva ezercitat l-istess diskrezzjoni lilha moghtija in konformita' mal-ligi, u fil-limiti tal-istess, b'mod li tali diskrezzjoni qatt ma ghandha tigi uzata ghall-skopijiet mhux permessi mill-ligi, jew b'mod abbusiv jew mhux ragonevoli, u ghalhekk tali diskrezzjoni ghandha tintuza in *bona fede* u mhux arbitrarjament u kapricosmant.

Illi llum dan il-kuncett ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva huwa inkorporat fl-**artikolu 469 A tal-Kap 12** li jipprovi li :-

*"Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita' ta' xi eghmil amministattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:*

*(a) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

*(b) meta l-eghmil amminsitrattiv ikun 'ultra vires' ghal xi raguni minn dawn li gejjin:*

*(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorita' pubblika li ma tkun awtorizzata sabiex twettqu;*

*(ii) meta l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq tal-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil;*

*(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorita' pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi."*

Illi tant huwa importanti dan il-principju fil-gurisprudenza nostrali li l-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza **"Bunker Fuel Oil *et vs* Paul Gauci *et*"** (A.C. 6 ta' Mejju 1999) irriteniet li kull ligi li tittenta teskludi l-gurisdizzjoni tal-Qorti sabiex tezercita stharrig gudizzjarju fuq eghmil amministrattiv ghandha tkun suggetta ghall interpretazzjoni restrittiva, u dan qed issir peress li fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-principju ta' *judicial review* huwa l-konsegwenza naturali tal-applikazjoni

tar-*rule of law*, u dan id-dritt a favur ic-cittadin ma ghandux jigi ljevament ristrett jekk mhux b'dicitura esplicita, u dan dejjem salv is-salvagwardji ulterjuri tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem skond il-kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-fatt din hija il-linja li l-Qrati taghna konsistentement zammew kif jista' jidher fil-kawzi **"Dr. A. P. Farrugia vs Electoral Commission et"** (A.C. 18 ta' Ottubru 1996; u **"Nicholas Attard et vs Professur Roger Ellul Micallef"** (A.C. 4 ta' Marzu 1998).

Illi fil-fatt jista' jinghad li l-**artikolu 469A tal-Kap 12** huwa wkoll l-kodifikazzjoni ta' diversi principji rikonnoxuti fil-gurisprudenza nostrali, b'dan li l-**artikolu** ma holoqx dawn il-principji ta' stharrig amministrattiv izda kkonforma l-ezistenza guridika taghhom u tahom format sostantattiv u legali bil-kodifikazzjoni taghhom fil-ligi taghna, tant li jista' jinghad li dawn il-principji ilhom li gew rikonoxxuti gudizzjarment mis-sentenza celebri fl-ismijiet **"John Lowell et nomine vs Dr. Carmelo Caruana nomine"** (P.A. M.C.C. 14 ta' Awissu 1972), u zviluppati konsistentement bil-gurisprudenza sal-gurnata tal-lum.

Illi hekk fil-kawza recenti **"Grima Communications Limited vs Awtorita' tax-Xandir"** (A.C. 6 ta' Awissu 2001) inghad illi:-

*"Il-meritu ta' din il-vertenza nfatti ma kienx jolqot il-funzjoni principali ta' l-Awtorita' tax-Xandir kif stabbilita fis-subinciz 1*

*ta' l-**artikolu 119**, dik cioe' li tizgura li sa fejn ikun possibbli f'dawk is-servizzi ta' xandir, ta' smiegh u ta' televizjoni li jistghu ikunu provduti f'Malta, tigi mizmuma imparzjalita' xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirriferexxu ghall-policy pubblika korreneti, u l-facilitajiet u l-hin tax-xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti … ...".*

*"Illi huwa risaput pero' li fir-rigward ta' l-ezercizzju tal-funzjoni principali taghha kif stabbilita' fis-subinciz 1 ta' l-**artikolu 119**, il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet diversi drabi illi ghalkemm fl-ezercizzju ta' dik il-funzjoni l-Awtorita' tax-Xandir ma kienet soggetta ghall-kontroll ta' l-ebda persuna jew awtorita' ohra, l-istess Qorti kellha l-poter anke f'dawn li tivverifika jew l-ezercizzju tad-diskrezzjonji lilha konferita bil-Kostituzzjoni jew bil-Ligi, l-Awtorita' kienetx hadet konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha rilevanti u mehtiega biex tifforma l-gudizzju taghha biex tkun f'posizzjoni li sewwa tezercita d-diskrezzjoni lilha moghtija b'mod esklussiv. (Ara **"Dominic Mintoff nomine vs Onor. Imhallef Montanaro Gauci"** deciza minn dik il-Qorti fit-22 ta' Mejju 1971)".*

Illi ghalhekk abbazi tal-premess ma hemm l-ebda dubju fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li hija ghandha gurisdizzjoni fil-limitu fuq indikat sabiex tisthareg l-istess ordni tal-Awtorita' tax-Xandir kemm abbazi tal-principji *ormai* sanciti fil-

gurisprudenza nostrali u *entro* l-limiti hemm indikati u wkoll abbazi tal-**artikolu 469A tal-Kap 12,** u la darba dwar l-istess ilment attrici ma hemm l-ebda ostaklu ghalih sabiex jingieb quddiem dawn il-Qrati anke skond id-disposizzjonijiet tas-**subartikolu** (4) tal-istess artikolu, din il-Qorti ma tara l-ebda triq ohra hlief li tirradika l-gurisdizzjoni taghha u dan huwa fil-fehma tal-Qorti wkoll konfortata mill-fatt li fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-Awtorita' konvenuta dwar dan il-punt ma ntqal proprju xejn.

**B. POTERI TAL-AWTORITA' TAX-XANDIR**

Illi skond il-**Kostituzzjoni ta' Malta, l-artikolu 119** jipprovdi li:-

*"(1) Tkun funzjoni ta' l-Awtorita' dwar ix-Xandir li tizgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smiegh u televizjoni li jistghu jkunu provduti f'Malta, tigi mizmuma imparzjalita' xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirriferixxu ghal policy pubblika korrenti u illi l-facilitajiet u l-hin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti".*

*"(2) Il-funzjoni ta' l-Awtorita' dwar ix-Xandir imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun bla hsara ghal dawk il-funzjonijiet u dmirijiet l-ohra li jistghu jigu moghtija lilha b'xi ligi li tkun dak iz-zmien issehh f'Malta".*

Illi wkoll skond l-**Kap 350 Att Dwar ix-Xandir** tal-1 ta' Gunju 1991 kif sussegwentement emendat inkluz bl-**Att VI ta' l-2001,** jinghad is-segwenti:-

**Artikolu 3 (1)** *"Minghajr pregudizzju u b'zieda mal-funzjonijiet taht l-**artikolu 119 tal-Kostituzzjoni**, l-Awtorita' jkollha l-funzjoni li tirregola s-servizzi ta' xandir ta' smiegh u ta' televizjoni f'Malta u li tohrog licenzji ghall-ghoti ta' dawk is-servizzi skond dan l-Att".*

**Artikolu 10 (2)** *"hadd ma jista' jipprovdi servizzi ta' xandir ta' smiegh u ta' televizjoni f'Malta ghal Malta jew kull parti minnha minghajr ma jkollu licenzja bil-miktub mill-Awtorita".*

**Artikolu 12.** *"L-Awtorita' ghandha, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, is-setgha wkoll li taghmel dawk il-hwejjeg kollha li huma fil-fehma taghha mehtiega jew li jwasslu ghat-twettiq xierqa tal-jedd taghha taht l-**artikolu 3 (2),** u b'mod partikolari, hija ghandha bil-ghan li twettaq dak il-jedd, ikollha setgha, jekk ikun jidhrilha :-*

*(a) li tistabilixxi, tinstalla u tuza stazzjonijiet ghall-ghoti ta' servizzi tax-xandir;*

*(b) li taghmel arrangamenti ghall-forniment u taghmir ta' studios u fondi ohrajn ghall-finijiet ta' xandir ta' smiegh u ta'*

*televizjoni, jew jekk ikun mehtieg hi stess tforni u tghammar dawk l-istudios u fondi ohrajn;*

*(c) li tigbor u xxandar ahbarijiet u taghrif f'Malta u minn kull parti tad-dinja;*

*(c) li ggib il-quddiem il-kapacitajiet ta' persuni fix-xandir billi tipprovdi jew tassisti ohrajn jipprovdu, facilitajiet ghal tahrig, edukazzjoni u ricerka".*

**Artikolu 13 (1*)*** *"Ikun dmir ta' l-Awtorita' li twettaq il-funzjonijiet taghha taht dan l-Att ghar-rigward tal-licenzjar tas-servizzi msemmija fis-**subartikolu (1) ta' l-artikolu 3** bil-mod li tqis bhala li hu l-ahjar sabiex tassigura li taqsima wiesgha ta' dawn is-servizzi tkun disponibbli ma' Malta kollha".*

***(2) "****Ikun id-dmir ta' l-Awtorita' li tissodisfa lilha nnfisha illi, kemm jista' jkun, il-programmi mxandra minn persuni li jaghtu servizzi ta' xandir ta' smiegh jew ta' televizjoni f'Malta jkunu konformi ma' dawn il-htigiet li gejjin, jigifieri:*

*(a) li ma jiddahhal xejn fil-programmi li joffendi s-sentiment religjuz, gosti tajbin jew id-decenza jew li x'aktarx jinkoragixxi jew ihajjar ghall-kriminalita' jew iwassal ghal dizordni jew ikun offensiv ghal sentimenti pubblici;*

*(b) lill-ahbarijiet kollha moghtija fil-programmi (f'liema ghamla tkun) jigu prezentati bl-ezattezza dovuta;*

*(c)li jinghata hin bizzejjed lill-ahbarijiet u avvenimenti kurrenti u li l-ahbarijiet kollha fil-programmi (f'liema ghamla tkun) jigu prezentati bl-imparzjalita' dovuta;*

*(d) li proporzjonijiet xierqa ta' materjal rekordjat u materjal iehor imdahhal fil-programmi jkunu maghmulin bil-lingwa Maltija u jirriflettu l-identita' kulturali Maltija;*

*(e) li l-programmi mxandra jkun fihom proporzjon sostanzjali ta' materjal li jkun mahsub sabiex japppella ghall-interessi, gosti u preferenzi tal-pubbliku in generali;u*

*(f) li tinzamm l-parzjalita' dovuta dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li ghandhom x'jaqsmu ma policy pubblika kurrenti;*

*Izda, hlief fil-kaz ta' servizzi pubblici tax-xandir, fl-applikazzjoni tal-paragrafi (c) sa (f) ta' dan is-subartikolu, l-Awtorita' tista' tikkonsidra l-produzzjoni generali ta' programmi provduti mid-detenturi ta' licenzja u kuntratturi tax-xandir diversi, ilkoll flimkien bhala haga wahda.*

**(3)** *"L-Awtorita' ghandha tassigura li, matul iz-zmien kollu ta'*

*thaddim tal-licenza ta' servizz tar-radju fil-komunita', il-fehmiet u l-espressjonijiet tad-detentur ta' licenzja jew ta' persuni partikolari jew korpi partikolari, dwar hwejjeg religjuzi jew dwar hwejjeg li huma ta' kontroversja politika jew industrijali jew li ghandhom x'jaqsmu ma' policy pubblika kurrenti ma jippredominawx".*

**(4)** *"Ikun ukoll id-dmir ta' l-Awtorita' li, minn zmien ghal zmien torganizza skemi ta' xandiriet politici (maghdudin spots politici) li jkun jiddistribwixxu b'mod gust il-facilitajiet u z-zmien bejn il-partiti politici diversi rapprezentati fil-Parlament; li tipproduci diskussjonijiet jew dibattiti li jkunu bilancjati b'mod gust li jaghtu opportunita' ta' smiegh ta' persuni minn gruppi b'interessi partikolari li jkunu differenti u b'punti di vista differenti, kif ukoll li tipproduci kummentarji jew programmi ohra dwar materji li ghandhom x'jaqsmu ma policy pubblika kurrenti, li fihom min ikun qieghed jiehu sehem jista' jxandar veduti u kummenti differenti".*

Illi minn dan jidher li l-funzjoni tal-istess Awtorita' tax-Xandir hija wiesgha sew pero' ghal dak li jirrigwarda din il-kawza xorta wahda jinghad li din tolqot il-funzjoni principali tal-istess Awtorita' li tara li *'tigi mizmuma imparzjalita' xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirreferixxu ghal policy pubblika kurrenti u <u>illi l-facilitajiet u l-hin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu</u>*

<u>*ta' partiti politici differenti*</u>*",* b'aktar enfazi fuq il-parti li giet sottolinejata minn din il-Qorti ghall-iskop tal-kaz prezenti, inkluz il-funzjonijiet tal-istess Awtorita' taht l-**artikolu 3 tal-Kap 350**, b'riferenza partikolari ghall-**artikoli 13 (1) (f) u (4)** fuq citati fejn l-istess Awtorita' ghandha tara li tizamm dik l-imparzjalita' f'kontroversji politici, u li jinghata b'mod gust il-facilitajiet u z-zmien bejn il-partiti politici diversi rapprezentati fil-Parlament.

Illi fid-dawl ta' dawn il-poteri l-eccezzjonijiet l-ohra tal-Awtorita' konvenuta huma bazikament ibbazati fuq il-premessa li tali decizjoni taghha ittiehdet skond l-istess artikoli u ghalhekk hija ssostni li agixxiet fil-limiti tal-poteri moghtija lilha skond l-**Artikolu 119(1) tal-Kostituzzjoni** illi tizgura illi *"l-facilitajiet u l-hin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn il-persuni li jkunu ta' partiti politici differenti"* u fejn hadet in konsiderazzjoni fatti rilevanti, in partikolari illi politikanti li jkunu se jikkontestaw elezzjoni generali jkollhom vantagg ingust jekk jithallew jippartecipaw jew merament jidhru fuq programmi tat-television jew tar-radio. Illi skond l-istess Awtorita' dan huwa gustifikat mill-konsiderazzjoni li anke jekk il-politikant ma jaghmel ebda kumment tieghu matul ix-xandir, ikun qieghed jircievi *"exposure"* konsiderevoli iktar fuq il-media meta imqabbel ma kandidati ohra.

Illi in sosstten ta' dan l-istess Awtorita' ccitat l-**artikolu 15 ta' l-**

**Att Numru XII tal-1991** li jghid testwalment li:

*"L-Awtorità ghandha jedd li taghti lil kull min ikun qieghed jaghti, jew ikun responsabbli ghall-ghoti ta' xi servizz tax-xandir ta' smiegh jew ta' televizjoni f'Malta, dawk id-direttivi bil-miktub li l-Awtorità tista' tqis mehtiega jew spedjenti ghat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet imsemmija fl-**artikolu 119 tal-Kostituzzjoni** u ghall-adempiment xieraq ta' kull dmir iehor jew funzjoni ohra msemmija f'dan l-Att, maghdudin direttivi li wiehed ma jxandarx, jew li jxandar, jew li jara li tixxandar, jew li jipprovdi kundizzjonijiet ghax-xandir ta' kull haga msemmija fid-disposizzjonijiet imsemmija qabel tal-Kostituzzjoni u ta' dan l-Att, u maghdudin direttivi li jehtiegu l-ghoti bil-quddiem ta' scripts u partikularitajiet ta' programmi, l-ghoti ta' recordings ta' programmi u l-ghoti ta' dak it-taghrif iehor li l-Awtorità tista' tehtieg b'mod ragonevoli ghall-finijiet imsemmija qabel".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li skond dak fuq ritenut l-funzjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir hija wiehed duplici u cioe':

1. Dak primarju bhala strument kostituzzjonali biex tassigura d-dritt fondamentali tal-liberta ta' l-espressjoni fi sfond ta' ekwita', imparzjalita, w ugwaljanza ta' opportunita'; u

2. Dak sekondarju izda xejn anqas importanti, li hi l-funzjoni organizzattiva mmirata lejn l-implimentazzjoni fil-prattika tal-

politika salutari tal-pluralizmu fix-xandir”.

Illi jekk, allura, l-Awtorita` tax-Xandir, ma tosservax dawn il-paramentri, hija tkun qed tagixxi *ultra vires* il-poteri taghha.

Illi l-fatti f’dan il-kaz huma semplici hafna. Fit-23 ta’ Settembru 1996 thabret l-Elezzjoni Generali. Wara din l-ahbar, l-Awtorita’ tax-Xandir harget cirkolari fl-24 ta’ Settembru, 1996 intitolata Xandir ghall-Elezzjoni Generali, taht l-**artikolu 15 ta’ l-Att Numru XII tal-1991 dwar ix-Xandir** fejn *inter alia* qalet illi *“waqt il-perjodu minn issa sas-26 ta’ Ottubru, 1996 trid tinghata attenzjoni stretta biex kandidati prospettivi ma jiehdux sehem fi programmi hlief f’diskussjonijiet imtella b’mod bilancjat, f’rapporti ta’ ahbarijiet u f’xandiriet politici skond skedi mtella’ jew approvati mill-Awtorita`”.* Illi din ic-cirkolari effettwat lill-atturi odjerni. Illi fit-30 ta’ Settembru, 1996 l-Awtorita’ tax-Xandir kitbet lill-Kap Ezekuttiv ta’ l-istazzjon *Radio 101* fejn qaltlu *inter alia* illi “l-*Awtorita’ kkonsidrat dan il-kaz fit-tul u mill-aspetti kollha tieghu. Ghandha wkoll pariri legali kemm mill-konsulent legali taghha kif ukoll minn sorsi legali awtorevoli barranin. Dawn il-pariri huma unanimi u wasslu lill-Awtorita` li tiddeciedi li xandar li huwa wkoll kandidat ghall-elezzjoni ma jistax jkompli jiehu sehem fil-programmi ghall-zmien il-kampanja elettorali”*. Illi il-Kap Ezekuttiv tar-*Radju 101* b’ittra li ggib l-istess data ta’ din l-ahhar ittra ta’ l-Awtorita’ tax-Xandir kiteb lill-istess Awtorita`

tax-Xandir fejn qal fost l-ohrajn illi *"sakemm ma' jintefghux in-nomini u John Bundy u kif ukoll Clyde Puli jsiru kandidati b'mod ufficjali, dawn ma jistghux jitqiesu bhala kandidati"*. Illi din id-direttiva ma gietx osservata mir-*Radju 101* u fil-fatt fl-1 ta' Ottubru, 1996 l-Awtorita` tax-Xandir kitbet lir-Radju 101 u qalet illi "*jekk illum l-istazzjon jerga jippermetti li kandidati prospettivi jxandru programmi li ma jaqghux taht l-ezenzjonijiet ippublikati mill-Awtorita` tax-Xandir, l-Awtorita` timmulta lil Radio 101 Lm500 bhala l-ewwel pass".* Illi f'Ottubru, 1996 giet intavolata din ic-citazzjoni.

Illi mhux kontestat illi l-uniku mezz ta' ghixien tal-atturi huwa x-xandir li huma impjegati bhala xandara. Illi f'dan il-kaz ukoll l-Awtorita' tax-Xandir kellha f'idejha l-iskeda li kien ser ixandar r-*Radju 101*. Ma jirrizultax illi huwa kkontestat illi l-programmi imtellghin mill-atturi huwa ta' natura mhux politika.

Illi dak li qed jigri bic-citazzjoni attrici, hija li l-Awtorita' ma kellha ebda dritt, la skond il-kostituzzjoni u lanqas skond l-Att Dwar ix-Xandir li twaqqaf lill-atturi milli jipprezentaw u ghalhekk jaghmlu xogholhom ta' xandara fuq il-mezzi tax-xandir fi programmi li ma kellhom l-ebda kontenut politiku, iktar u iktar meta l-istess atturi lanqas ma kienu ghadhom saru kandidati, u ghalhekk fi kwalunkwe ma setghet qatt tezisti l-premessa li jkollhom vantagg fuq kandidati ohra, u ghalhekk tali ordni partikolarment tat-30 ta' Settembru 1996 hija *ultra*

*vires*, saret ghall-ghanijiet mhux xierqa u mhux imsejjsa fuq konsiderazzjonijiet relevanti*.*

Illi min-naha l-ohra l-Awtorita' konvenuta ssostni li tali ordni u senjatament dik kontenuta fl-istess komunikazzjoni tat-30 ta' Settembru 1996 fejn ordnat li *"kull xandar li huwa kandidat ghall-elezzjoni ma jistax ikompli jiehu sehem fil-programmi ghall-zmien il-kampanja elettorali"* saret invista tal-obbligi taghha taht l-Kostituzzjoni skond l-**artikolu 119 (1)** *"li tizgura li l-facilitajiet u l-hin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn il-persuni li jkunu ta' partiti politici differenti"* u f'dan il-kuntest l-istess Awtorita' issostni anke fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha li hija hadet konsiderazzjoni tal-fatti rilevanti inkluz dak li hija issejjah bhla "*il-fatt li kandidat ghall-elezzjoni generali, bhalma huma l-atturi, jidher f'programm fuq stazzjon tax-xandir, anke jekk tali programm ma jkunx ta' natura purament politika bhal ma huma programmi ta' sports, muzika, divertiment jew ta' generu iehor, qieghed jaghti "exposure" konsiderevoli lil dak il-kandidat ghad-detriment ta' kandidati ta' partiti ohra".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidher car mid-disposizzjoni tal-**Kostituzzjoni u tal-Kap 350** li l-poteri tal-istess Awtorita' konvenuta jezistu biss sabiex tassigura fil-limiti accettabbli f'socjeta' demokratika li tinzamm imparzjalita' xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika, industrijali jew *public policies*

korrenti, u li tali facilitajiet u hin tax-xandir ikun imqassam b'mod xieraq ghall-persuni ta' partiti politici differenti, u sabiex twettaq il-funzjoni l-ohra moghtija lilha b'forza ta' ligi.

Illi minn dak premess jidher car u palez fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li l-fatt li xandar jippresenta jew jiehu sehem fi programmi li ma ghandhom xejn x'jaqsmu ma kontenut ta' natura politika, industrijali, jew dwar policies korrenti fil-pajjiz, qatt ma jistghu jimpingu fuq il-kuncett ta' parzjalita' xierqa u certament mehtiega fuq suggetti ta' kontroversja politika, industrijali jew *policies* kurrenti li l-istess Awtorita' hija tenuta li tizgura, u dan kemm jekk tali xandar ikun kandidat prospettiv u kemm jekk ma jkunx.

Illi dan qed jinghad ghaliex l-Awtorita' qed tipprova tiggustifika l-azzjoni taghha biss fuq din il-bazi tal-obbligu taghha kostituzzjonali, pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti, b'tali ordni qabzet il-limiti tal-kompetenza taghha moghtija permezz tal-istess Kostituzzjoni, stante li tali ordni tmur hafna oltre mill-limiti tal-istess awtorita' taghha, stante li qed tirregola x-xandir anke f'materja li mhumiex, almenu taht l-**artikolu 119,** minnha citat, fil-kompetenza taghha li taghmel, almenu bil-mod generali li fiha harget l-istess ordni li tipprojbixxi kull tip ta' partecipazzjoni tal-atturi fix-xandir, anke fi programmi per ezempju ta' sports, spots kummercjali u reklami, u daqq ta' diski, li ma ghandhom l-ebda messagg jew accenn ta' politika,

jew materji ta' kontroversja industrijali kwalunke. Illi din l-ordni inghatat meta l-istes atturi kienu ghadhom lanqas saru kandidati tal-elezzjoni generali hija ukoll iktar gravi.

Illi huwa veru li wiehed irid jikkonsidra c-cirkostanzi li fih il-pajjiz ikun qed jinstab, u tenut kont tal-fatt, hazin jew tajjeb, li f'dan il-pajjiz, hafna affarijiet jigu kkunsidrati u anke dibattuti fuq pjan politiku qabel u fuq kollox, ma jfisserx li b'hekk wiehed ghandu jestendi l-kliem tal-ligi, iktar u iktar dik kostituzzjonali, sabiex irrendu kull tip ta' xandir, materja ta' kontroversja politiku, konsidrat forsi biss il-fatt li kull persuna ghandha jew suppost ghandha il-konvinciment politiku taghha, ghaliex altrimenti jekk wiehed iwassal dan l-ispeci ta' argument ghall-konkluzzjoni naturali tieghu, ikun ifisser li kull haga li tista' tigi mxandra b'kull mezz disponibbli hija ghalhekk oggett ta' kontroversja politika.

Illi certament din ma hijiex il-portata tal-**artikolu 119 tal-Kostituzzjoni,** li ghandha tinqara bis-sinfikat naturali taghha li tirregola biss dak ix-xandir li jkollu kuntest ta' natura politika, industrijali u element ta' kontroversja fuq l-istess, u l-Awtorita' ghandha il-poter li tirregola l-imparzjalita' tal-istess b'mod li c-cittadin ma jigix dominat minn versjoni wahda jew l-ohra tal-argument politiku jew industrijali. Illi bl-istess mod il-poter tal-istess Awtorita' f'dan il-kamp huwa limitat fis-sens, li oltre l-istess parametri, hija ma ghandha ebda poter iehor li testendi

l-awtorita' taghha ghall-materji li ma humiex konnessi mal-istess funzjoni taghha, u f'dan il-kuntest huwa obbligu tal-istess Awtorita' li tara li ma taccediex hija stess il-funzjonijiet taghha, u b'hekk tidhol f'*area* li hija qatt ma kellha dritt li tidhol, u dan huwa prorju ir-raguni ghaliex dawn il-Qrati zammew id-dritt li jaraw li kull entita' legali u governattiva tagixxi bil-poteri taghha fil-limiti tal-ligi u skond il-ligi, b'rispett lejn ir-*Rule of Law,* fuq liema pilastru hija mibnija d-demokrazija ta' kull pajjiz modern u civilizzat.

Illi jekk wiehed jikkonsidra l-istess ordni moghtija mill-Awtorita' fil-kuntest tal-funzjoni taghha li "*hija tirregola l-facilitajiet u l-hin tax-xandir b'mod li dan ikun imqassam b'mod xieraq bejn persuni ta' partiti politici differenti"*, din il-funzjoni dejjem trid tinftiehem fil-kuntest tal-poter principali tal-istess Awtorita' li tasigura l-imparzjalita' fix-xandiriet ta' natura politika, industrijali u *policies* tal-pajjiz, ghaliex altrimenti wiehed imur ghall-estrem u jkun irid ihares lejn il-kredo politiku ta' kull xandar, anke jekk qed nitkellmu fuq materji li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-kuntest regolat fl-istess Kostituzzjoni u l-**Kap 350**. Illi huwa car li fl-opinjoni tal-Qorti, din il-funzjoni hija kosegwenza tal-ewwel funzjoni tal-Awtorita' skond l-**artikolu 119 (1) tal-Kostituzzjoni,** u s-sinifikat taghha huwa li ghandu jkun hemm tqassim b'mod xieraq bejn persuni ta' partiti ploitici differenti dejjem fil-kuntest tat-tixrid tal-messagg politiku fl-ambitu anke wiesgha taghha, pero' certament mhux estiz ghal

diversi materji li jaqaw barra l-orbitu tal-politika, bhal muzika, sports, avvizi kummercjali, li ma jkollhom fihom ebda kontenut ta' politika, jew kontroversji industrijali, li forsi fortunatament ghadhom jezistu anke fid-dinja moderna, u wkoll f'pajjizna. F'dan il-kuntest certu restrizzjonijiet jistghu wkoll jigu kkunsidrati bhala plawsibbli, specjalment fejn jista' jintrometti ruhu anke messagg politiku b'mod sottili, izda li minn hawn wiehed imur ghall-estrem u jipprojbixxi kull tip ta' xandir, biss ghaliex persuna hija kandidat prospettiv ta' partit f'elezzjoni generali, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, jmur kontra kull limitu detat minn dak li huwa ragonevoli f'socjeta' demokrattika, u certament oltre il-limiti ta' poter imposti mill-istess Kostituzzjoni u l-**Kap 350** citat. Illi ghalhekk il-konkluzzjoni ta' din il-Qorti hija biss wahda u cioe' li tali ordni tat-30 ta' Settembru 1996 giet moghtija mill-Awtorita' *ultra vires* stante li marret oltre l-awtorita' lilha moghtija kemm permezz tal-**artikolu 119 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** u kemm il-funzjonijiet taghha taht l-**Kap 350,** ghaliex ghalkemm dan il-Kap lanqas biss citat mill-Awtorita' konvenuta, minn ezami tal-istess disposizzjonijiet tieghu fuq ampjament citati, jirrizulta li tali ordni ma tistax tinkwadra ruhha taht l-ebda wahda mill-funzjonijiet moghtija bl-istess Att lill-istess Awtorita' konvenuta lanqas fil-kuntest tal-**artikoli 13 (1) (f) (3) u (4).**

Illi huwa veru li l-Awtorita' *ai termini* tal-**artikolu 15 tal-istess Kap 350** ghandha l-jedd li taghti kull ordni li hija jidhrilha

xierqa, pero' dik l-ordni jew anke direttiva bil-miktub ghandha tkun diretta sabiex taqdi il-funzjonijiet taghha skond l-**artikolu 119 tal-Kostituzzjoni** u id-disposizzjonijiet tal-**Kap 350,** anke jekk l-istess Awtorita' hija limitata biss fl-ghoti ta' tali ordni *"b'dak li hija tqis mehtieg jew spedjenti ghat-twettiq ta' tali funzjonijiet";* dan ghaliex tali deskrizzjoni ghandha tkun ezercittatta w ibbazata fuq dak li mic-cirkostanzi jirrizulta li huwa oggettivament u b'mod ragonevoli relevanti u materjali ghall-otteniment ta' tali skop skond l-ispirtu tal-istess ligi, u f'dan il-kaz li tipprojbixxi xandar li ma jaghmel ebda programm jew intervent anke f'materja ghal kollox estraneja minn dawk elenkati fl-istess kostituzzjoni, certament li mhux ser iwassal ghall-ottemporanza tal-istess mira kostituzzjonali, proprju ghaliex jeccedi l-istess direttiva u l-poter hemm saggament delinejat.

Illi ghalhekk fuq in-naha l-ohra din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-Awtorita' konvenuta ghaliex hemm differenza bejn programmi b'messagg politiku u programmi kompletament nieqsa minn tali messagg. L-atturi huma it-tnejn xandara professjonali u kif jghidu huma stess fix-xhieda taghhom, jaqilghu l-ghixien taghhom mix-xandir. Il-fatti illi wiehed jisma' xi wiehed minn dawn ix-xandara fuq xi programm tar-radju jew jara lil xi wiehed minnhom fuq it-televizjoni bl-ebda mod, dejjem fl-opinjoni ta' din il-Qorti, ma huwa ser jaffettwa lil pubbliku in generali proprju fil-materji

protetti mill-kostituzzjoni. F’dan il-kaz, terga u tghid, l-atturi lanqas biss kienu kandidati ufficjali u allura l-Awtorita’ tax-Xandir ma kienitx gustifikata fl-agir taghha. L-Awtorita’ tax-Xandir, kif diga intqal, kellha l-iskedi tal-programmi f’idejha u setghet facilment tara x’tip ta’ programmi kienu ser jipprezentaw l-atturi. Kienet tkun gustifikata l-Awtorita’ li kieku l-programmi mtellgha mill-atturi kienu jkunu ta’ natura politika, izda zgur li mhijiex gustifikata ghar-rigward ta’ xandir ta’ muzika u sport u programmi simili nieqsa minn kull accenn jew kontenut politiku jew b’xi mod kontroversjali dejjem in relazzjoni mal-kliem preciz tal-ligi u l-ispirtu taghha li jannima l-istess sinfikat u portata taghha.

Illi dwar ir-rakkomandazzjonijiet invokati mill-konvenut dwar id-direttiva Franciza dwar ix-xandir, din fl-opinjoni tal-Qorti ma ghandha ebda incidenza fuq l-istat tal-ligi Maltija, u dan stante li dak li qed jigi deciz f’din is-sentenza huwa dak li din il-Qorti thoss, li huwa l-istat attwali tal-ligi nostrali kemm fil-kamp tal-ordni guridku Malti fil-ligi ordinarja, u kemm fil-kamp tal-kostituzzjoni, pero’ wiehed jinnota wkoll li dawn l-istess sett ta’ osservazzjonijiet huma pprezentati bhala *se mai* rakkomandazzjonijiet u mhux ordnijiet tassativi *ut sic,* kif l-istess Awtorita’ konvenuta jidher li ghamlet bl-ordni taghha lamentata mill-atturi.

Illi mhux biss izda din il-Qorti ma thossx li din ir-rakkomandazzjoni hija kuntrarja ghal dak fuq espress minn din il-Qorti stante li l-istess rakkomandazzjoni tghid li:

*"Sad-data tal-ftuh ufficjali tal-kampanja elettorali il-kollaboraturi tat-totalita' tas-servizz tar-radju u tat-televizjoni illi ser ikunu kandidati ghandhom jiehdu hsieb illi l-interventi eventwali taghhom fuq ir-radju jew it-televizjoni ma jkollhom ebda incidenza elettorali ta' natura illi tmur kontra l-ugwaljanza tal-kandidati quddiem il-mezz ta' propaganda u ghalhekk illi tmur kontra l-awtenticita' ta' l-iskrutinju".*

*"Dawn l-istess kollaboraturi jastjenu milli jidhru fuq it-televizjoni jew li jesprimu ruhhom fuq ir-radju fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghom mill-ftuh tal-kampanja ufficjali …".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti huwa ovvju li t-tieni bran, irid jinqara fil-kuntest tal-ewwel bran, u mhux jittiehed in arja kif jidher li hadu l-istess konvenut, ghaliex iz-zewg brani jifformaw proprju il-kuntest ta' direttiva unika. Illi mehud f'dan il-kuntest jidher car li l-istess direttiva qed tipprospetta l-possibilita' tal-istess intervent tax-xandar b'dan pero' li dan qatt ma ghandu jkun f'kuntest politiku jew ta' propaganda politika.

Illi l-Awtorita` tax-Xandir tavvanza ukoll eccezzjonijiet ohra fis-

sens illi fil-funzjoni regolatrici taghha, il-principji ta' gustizzja naturali ma humiex applikabbli billi d-decizjoni ta' l-Awtorita' kienet wahda li tapplika ghall-istazzjonijiet kollha u ghall-persuni kollha li fihom jahdmu. Oltre dan l-istess Awtorita` tghid illi jezistu numru ta' impjegati ohra f'setturi ohra illi n-natura tax-xoghol taghhom ma jippermettilhomx illi jikkuntestaw elezzjoni generali. F'dawn il-kazijiet hija l-prassi normali illi dawn il-persuni jigu moghtija *"leave of absence"* mix-xoghol taghhom matul il-kampanja elettorali, u ghalhekk is-sitwazzjoni ta' l-atturi ma hijiex wahda unika, izda komuni ghal min jahdem f'certi setturi u jkun irid jikkuntesta elezzjoni.

Illi anke dawn l-eccezzjonijiet qed jigu respinti u dan peress illi l-atturi odjerni ma jaqghux fil-kategorija ta' "*impjegati ohra f'setturi ohra illi n-natura tax-xoghol taghhom ma jippermettilhomx illi jikkuntestaw elezzjoni generali"*. Illi jista' jkun li dawn huma regolati b'xi ligi ohra, pero' certament mhux taht id-disposizzjonijiet kostituzzjonali jew skond il-**Kap 350** illum taht ezami. Ghar-rigward tal-applikazzjoni tal-principju ta' gustizzja naturali, din il-Qorti ma taqbilx mal-Awtorita` konvenuta illi dawn ma japplikawx fil-konfront taghha. Dan huwa argument li jhasseb lil din il-Qorti mhux ftit. **L-artikolu 469A tal-Kodici dwar Organizzazzjoni u Procedura Civili** dahal fil-ligi taghna permezz ta' l-**Att XXIV tal-1995** u kif sussegwentement emendat bl-**Att Numru IV ta' l-1996**. Dan l-artikolu li jitkellem dwar stharrig amministrattiv ta' azzjoni

amministrattiva kif gie riprodott iktar il-fuq f'din is-sentenza, ma jaghmel ebda eccezzjoni ghall-Awtorita' konvenuta, u la darba ma hemm l-ebda kontestazzjoni li l-Awtorita' tax-Xandir hija awtorita' pubblika imwaqqfa b'ligi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan l-artikolu jitkellem wahdu u jgib fix-xejn l-eccezzjoni tal-Awtorita' konvenuta fejn tghid illi hija ma kellha l-ebda obbligu li tosserva l-principji tal-gustizzja naturali fil-funzjoni regolatrici taghha u dan peress illi d-decizjoni ta' l-Awtorita' kienet wahda li tapplika ghall-istazzjonijiet kollha u ghall-persuni kollha li fihom jahdmu. Illi huwa mehtieg li l-Awtorita' tax-Xandir taghti applikazzjoni ghal dan il-principju anke tenut kont tal-fatt illi bid-direttiva moghtijja minnha kienet ser taffettwa l-ghixien u l-kondizzjonijiet ta' impjieg tal-istess atturi, u effett dirett fuq il-professjoni taghhom.

Illi jinghad li dawn id-direttivi fuq lamentati mill-atturi huma ghal kollox differenti minn dawk moghtija mill-Awtorita' konvenuta fil-21 ta' Settembru 1996 fejn inghad li:-

*"Waqt il-perjodu minn issa sas-26 ta' Ottubru 1996 trid tinghata attenzjoni stretta biex kandidati prospettivi ma jiehdux sehem fi programmi hlief f'diskussjonijiet imtella b'mod bilancjat, f'rapporti ta' ahbarijiet u f'xandiriet politici skond skemi mtella' jew approvati mill-Awtorita''.*

Illi jidher car li din id-direttiva kienet tipprospetta mill-istess konvenut li x-xandara, anke jekk kandidati prospettivi jiehdu sehem fi programmi tax-xandir, u b'hekk hija diametrikament opposta ghall-ordni mahruga mill-istess Awtorita' fit-30 ta' Settembru 1996, li teskludi bl-iktar mod kategoriku l-participazzjoni biss ta' xandara li huma wkoll kandidati prospettivi, u il-Qorti thoss li taht dan l-aspett tali ordni hija wkoll *ultra vires, u abbuz tal-poter,* mhux biss ghaliex tmur kontra id-disposizzjonijiet tal-ligi li attwalment jirregolaw il-funzjonijiet tal-istess Awtorita', izda addirittura jiddiskriminaw kontra l-professjoni ta' xandara fil-kuntest ta' kandidati prospettivi. Ghaliex dan il-bdil ta' direzzjoni mill-istess Awtorita' f'temp ta' ftit zmien ma jidherx li gie svelat mill-provi minnha prodotti, u ghalhekk jibqa' misteru ghal din il-Qorti.

Illi ghalhekk hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-ordni tat-30 ta' Settembru 1996 (Dok. "A"), kif ripettuta u accenata fl-ittra tal-1 ta' Ottubru 1996 (Dok. "B") u fl-istqarrija Numru 32/96 tal-1 ta' Ottubru 1996 (Dok. "C") huma lkoll *ultra vires* ghall-poter tal-istess Awtorita' u sar b'abbuz mill-istess Awtorita' stante li sar oltre il-funzjonijiet taghha skond l-**artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u l-Kap 350** u ukoll tali ordni ittiehdet minghajr ma gew osservati il-principji tal-gustizzja naturali u l-eghmil taghha sar ghall-ghanijiet mhux xierqa u fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, u ghalhekk tali ordnijiet ghandhom jigu dikjarati in kwantu jolqtu lill-atturi bhala nulli u

bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

## VI. KONKLUZZJONI.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b' dan li:-

1. Tiddikjara li l-ordnijiet moghtija mill-Awtorita' konvenuta fid-Dokumenti immarkati bhala “A”, “B” u “C” esebiti a fol. 13, 14 u 15 rispettivament tal-process, in kwantu jolqtu lill-atturi huma nulli u bla effett u dan abbazi ta' dak li intqal f'din is-sentenza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-Awtorita' tax-Xandir konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**3 ta' Ottubru, 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Ottubru, 2001.**